MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 257/2002/1

**D & S Lifts Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia li jopera kummercjalment taht l-isem A & F Developments**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Lulju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' April, 2002, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas l-ammont ta' erbat elef, sitt mija u hames liri Maltin (Lm4,605) dovuti minnu lis-socjeta' attrici D & S

Lifts Limited skond il-kuntratt tat-12 ta' Ottubru, 2000, ghall-fornitura u nstallazzjoni ta' zewg (2) lifts.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar, 2002, tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment mal-kawza u bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) mit-30 ta' Novembru, 2001, sal-pagament shih u finali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. In linea preliminari, l-attur mhux il-legittimu kontradittur stante li l-azzjoni attrici kellha ssir fil-konfront tas-socjeta' A&F Properties Development Ltd. Ghaldaqstant, l-eccipjent ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Bla pregudizzju, t-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-ammont mitlub mhux dovut, stante li s-socjeta' attrici ghadha ma tterminatx ix-xoghol lilha kommissjonat, kif wkoll naqset milli tonera l-obbligi taghha skond il-ftehim;

3. Bla pregudizzju, t-talba attrici hija tempestiva stante li l-eccipjent sad-data ta' l-avviz ghadu lanqas biss ircieva l-fattura ghall-hlas minghand is-socjeta' attrici;

4. Bla pregudizzju, t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li s-socjeta' attrici ghandha thallas lil eccipjent somma ferma akbar dwar l-istess xogholijiet.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-eccezzjonijiet tieghu, l-konvenut qieghed iqajjem ostakolu ghall-azzjoni attrici fis-sens ili huwa mhuwiex il-

legittimu kontradittur, peress illi x-xoghol sar lill-kumpanija maghrufa bhala A&F Properties Developments Limited. Ghalhekk, ikun opportun illi qabel ma tipprocedi oltre, l-Qorti tiddisponi minn din l-eccezzjoni.

Irrizulta mill-provi, illi fit-12 ta' Ottubru, 2000, il-partijiet iffirmaw kuntratt bejnithom ghall-installazzjoni ta' lifts f'appartamenti proprjeta' tal-konvenut. Fis-17 ta' Ottubru, 2000, thallas l-ewwel depozitu ta' hamest elef lira (Lm5,000). Ix-xogholijiet gew esegwiti u l-lifts installati. Ghalhekk qamet kontroversja bejn il-partijiet dwar l-operazzjoni tas-sistema, peress illi skond il-konvenut din kienet tinvolvi hafna hsarat li minhabba fihom ma setax jaqdi d-doveri tieghu versu l-inkwilini u l-proprjetarji tal-fondi.

Qamet kontroversja wkoll bejn il-partijiet dwar min effettivament kien ordna dawn il-lifts u min iffirma ghalihom.

Skond Albert Debono, direttur tas-socjeta' attrici, huwa pprepara l-kuntratt biex jigi ffirmat mill-konvenut f'isem is-socjeta' CSL Limited. F'xi hin waqt il-firma tal-kuntratt, il-konvenut nfurmah illi ma kinitx din is-socjeta' li ser tixtri, izda A&F Developments Limited. Kien ghalhekk illi Albert Debono stess sgassa CSL Limited minn fuq kull pagna tal-kuntratt u pogga A&F Developments Limited u sussegwentement giet iffirmata mill-konvenut.

Il-Qorti, hawn hekk taghmel referenza ghall-pagni 30 sa' 34 fejn tidher din il-korezzjoni. Bhalma gia nghad, fis-17 ta' Ottubru, 2000, sar il-pagament ta' l-ewwel depozitu ta' Lm5000, tramite cekk mahrug mis-socjeta' A&F Properties Developments Limited (Dok JF3 fol. 49). Is-socjeta' attrici rrilaxxjat ircevuta bl-istess data (fol. 34) f'isem is-socjeta' A&F Developments Limited.

Fil-kors tar-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, kif gia nghad, inqala' disgwid dwar il-kwalita' tax-xoghol illi sar, li minhabba f'hekk saret ittra ufficjali mis-socjeta' attrici indirizzata lill-konvenut personalment, pero' inghad li jopera kummercjalment taht l-isem A&F Developments.

Wara din l-ittra ufficjali saret din il-kawza fejn ukoll il-konvenut gie mharrek personalment taht l-isem A&F Developments. Fil-kors ta' din il-kawza, minkejja illi s-socjeta' attrici saret taf il-vera isem tas-socjeta' illi taghha l-konvenut huwa direttur, ma talbitx korrezzjoni fl-okkju.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, jidher car illi s-socejta' attrici kienet taf mill-bidu nett illi ma kinitx qeghda tittratta mal-konvenut personalment, izda bhala direttur ghan-nom ta' socjeta' ta' responsabbilta limitata. Jekk din is-socjeta' kinitx A&F Developments Limited jew A&F Property Developments Limited, ma kinitx ser taghmel differenza ghall-konvenut. Tant hu hekk, illi a fol. 39, jghid testwalment, "… fi kwalunkweka, ghalija kemm A&F Developments Limited, u A&F Property Developments Limited jfissru l-istess haga…"

Barra minn hekk, meta sar l-ewwel pagament ta' Lm5,000 permezz ta' cekk, hawn ukoll jidher car il-pagament min kien qieghed jaghmlu, fis-sens ili taht il-firma tal-konvenut hemm l-isem tas-socjeta' A&F Property Developments Limited.

Is-socjeta' attrici rrilaxxjat ircevuta wkoll taht l-isem A&F Developments Limited. Minkejja dan, pero' s-socjeta' attrici ghazlet illi tfittex lill-konvenut fil-kwalita' tieghu personali. Tant hu hekk, illi l-ewwel fittxitu permezz ta' ittra ufficjali u mbaghad permezz ta' kawza. Mhux ta' xejn li l-konvenut mall-ewwel qajjem il-kwistjoni li mhux il-legittimu kontradittur.

Ghalhekk, irrizulta car illi s-socjeta' attrici kienet taf mill-bidu nett illi kienet qeghda tittratta ma' socjeta' ta' responsabbilta limitata. Il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt illi kien l-istess direttur tas-socjeta' attrici illi fil-11 ta' Ottubru, 2000, meta gie ffirmat il-ftehim kkorega l-intestatura tas-socjeta' rapprezentata mill-konvenut biex tigi taqra A&F Developments Ltd.

Fuq din il-kwistjoni, l-Qorti ssib il-konfort ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Ottubru, 1999, fl-ismijiet Anthony Caruana vs John Magro Et fejn il-Qorti qalet, “Din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfacentement illi huwa mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta’ attrici. Fi kliem iehor, ma jirrizultax sodifacentement illi meta l-konvenut innegozja mas-socjeta’ attrici a tempo vergine, hu gab a konjizzjoni taghha li huwa kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ u li din is-socjeta’ biss kienet obbligata ghall-hlas.”

Li gara f’dan il-kaz u li gie ampjament ippruvat, huwa proprju l-oppost u cioe’ li l-konvenut kien gab a konoxxenza tas-socjeta’ attrici a tempo vergine illi kien qieghed jagixxi ghan-nom ta’ socjeta’ ta’ responsabbilta’ limitata u mhux ghalih innifsu.

Tant hu hekk li kif inghad kien l-istess direttur tas-socjeta’ attrici, Albert Debono, illi kkorega l-intestatura tas-socjeta’ li kienet qeghda tikkuntratta biex tigi taqra dik li kien jirraprezenta l-konvenut (ara wkoll Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit Appell Inferhuri 16 ta’ Dicembru, 2002).

Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, l-konvenut ghandu ragun illi jopponi bil-mod kif huwa gie citat f’din il-kawza u l-ewwel eccezzjoni tieghu tisthoqq li tkun milqugha. Il-konvenut personalment ma dahal fl-ebda relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta’ attrici. Izda kienet biss is-socjeta’ ta’ responsabbilta’ limitata minnu diregita illi dahlet f’din ir-relazzjoni.

Kif jidher mill-atti, din is-socejta’ mhijiex imharrka peress illi l-konvenut gie citat biss li jopera taht l-isem A&F Developments, minghajr ma ssemma li din hija socjeta’ ta’ responsabbilta’ limitata.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara illi huwa mhuwiex il-legittimu

kontradittur u konsegwentement tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha."

Is-socjeta` attrici appellat minn din s-sentenza u talbet li din tigi revokata. L-aggravju taghha jikkonsisti minn obbjezzjoni ta' kif l-ewwel Qorti apprezzat il-fatt biex waslet takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx il-legittimu kontradittur. Interalia, fost bosta argomenti ohra ta' fatt u ta' dritt, is-socjeta` attrici appellanti tilmenta illi l-Qorti nferjuri injorat il-fatt li s-socjeta` attrici ma kellha l-ebda obbligu tassumi jew taqta' l-isem tas-socjeta` li dwarha l-konvenut appellat, sussegwentement ghall-azzjoni mehuda, ippretenda li kienet effettivament il-parti kontraenti fuq il-kuntratt.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa dan l-aggravju fl-ambitu tal-provi processwali u tista', minghajr ezitazzjoni, ssostni li dan ghandu jitqies wiehed validu u konsegwentement is-sentenza appellata jisthoqqilha tigi revokata.

Is-socjeta` appellanti korrettement tippreciza l-principju tad-dritt rikavat minn normi stabbiliti fil-Kodici Civili, ex-art 999 u Art. 1001, illi kull persuna kelha titqies u tigi prezunta li qed tikkuntratta f'isimha proprju sakemm ma tindikax li qed tikkuntratta ghan-nom u fl-interess ta' haddiehor.

Din il-proposizzjoni tad-dritt tohrog car mis-segwenti estratt tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet "**Lawrence Formosa et nomine -vs- Silvio Felice**":-

"Il-kuntratt ta' appalt ma jista' jigi bl-ebda mod relatat mal-proprjeta` tal-fond li fih ix-xoghlijiet kellhom jigu, kif fil-fatt gew, esegwiti. Gustament allura l-ewwel Qorti kkonsidrat illi saret prova kuntrarja li r-relazzjoni guridika li tinholoq bi ftehim ta' appalt, kienet wahda personali mhux relatata mal-fond u konsegwentement il-presunzjoni "juris tantum" kellha tkun illi min jikkuntratta kien qieghed jikkontratta f'ismu personalment. Prova kuntrarja naturalment kellha tispetta lill-persuna li kien qed jidher f'isem u ghan-nom ta' haddiehor. Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien

qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkontratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat".

Jidher apparentement illi l-ewwel Qorti addottat dan il-principju bhala gwida tant li fl-isfond tar-rizultanzi istruttorji assumiet illi s-socjeta` attrici appellanti kienet taf mill-bidunett illi ma kienetx qeghda tikkontratta mal-konvenut personalment izda ghan-nom ta' socjeta` b'responsabilita` limitata. Sa hawn ir-ragonament ta' l-ewwel Qorti ma jistghax jitqies censurabbli.

Fejn, fil-fehma ta' din il-Qorti, zbaljat l-ewwel Qorti kien fil-konsiderazzjoni ulterjuri taghha tar-realta` guridika emanenti mill-istess rizultanzi processwali.

Il-fatti tal-kaz kienu juru s-segwenti kwadru:-

(1) Originarjament il-kuntratt ghall-provvizjon u nstallazzjoni tal-lifts kien ser isir mis-socjeta` C.S.L. Ltd izda imbaghad fuq senjalazzjoni tal-konvenut din giet sostitwita bis-socjeta` A & F Developments Ltd (Ara dokument a fol 30). Skond Albert Debono ghas-socjeta` attrici din kienet l-ewwel darba li hu ghamel ftehim ma' din is-socjeta` (fol 51).

(2) Ma' dan il-kuntratt hemm l-aggunta datata 17 ta' Ottubru 2000 (fol 34) redatta u ttajpjata mill-istess konvenut, kif minnu stess ammess (fol 43). Fiha tiffigura wkoll is-socjeta` A & F Developments Ltd taht il-firma tal-konvenut.

(3) Kif mistqarr mill-istess konvenut, "ghalija kemm A & F Developments Ltd u A & F Property Developments Ltd ifissru l-istess haga" (fol 39).

(4) Fir-ricevuta datata 16 ta' Ottubru 2000 (fol 48), apparentement ittajpjata wkoll mill-konvenut, kif jidher ovvju mir-raffront mad-dokument a fol 34, tiffigura li l-hlas sar mis-socjeta` A.F. Property Developments Ltd.

(5) Qabel ma s-socjeta` attrici giet biex tinizja proceduri (ittra ufficjali fol 26 u l-azzjoni prezenti) ivverifikat mar-Registratur tal-kumpaniji dwar is-socjeta` A & F Developments Ltd u skopriet li l-ebda socjeta` ma kienet registrata b'dan l-isem. Dan gie fil-kawza konfermat mix-xhud Joseph Farrugia (fol 13).

L-interpretazzjoni li l-ewwel Qorti tat lil dawn il-fatti hu dak li allura s-socjeta` attrici kienet konxja li kienet qed titratta ma' socjeta` b'responsabilita` limitata. Dan huwa veru imma, mbaghad, il-Qorti ma esploratx ukoll il-fatt jekk din is-socjeta` kienetx wahda idonea li setghet tidhol f'negozju guridiku.

Mill-analisi ta' dawn l-istess fatti hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi f'dan il-kaz kien il-konvenut li elegga liema socjeta' kienet dik li qed tikkontratta mas-socjeta` attrici appellanti. Il-prova dokumentarja kienet pjenament tiggustifika lis-socjeta` appellanti illi hi kienet qed tinnegozja mas-socjeta` A & F Developments Ltd. Certament ma kienx bizzejjed li l-appellant jafferma dak li apparentement kien maghruf lilu biss jew hekk assunt minnu bhala ekwipollenti illi z-zewg kumpaniji, b'isem differenti, kienu ghalih ifissru l-istess haga. Kien hu li ndika l-isem tal-kumpanija u kien hu li ffirma f'isem din l-istess kumpanija, u li aktar tard irrizulta li lanqas biss kienet registrata. Fic-cirkostanzi hi gusta l-osservazzjoni tas-socjeta` appellanti illi ghal kaz kellu jiskatta l-provvediment ta' l-Artikolu 78 tal-Kap 386 bl-effetti kollha tieghu. Ara fil-kuntest ta' dan l-artikolu sentenza recensjuri ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Video-On-Line Limited –vs- Ian Giles**", tal-25 ta' Frar 2004.

Ir-ricevuta redatta u ffirmata lejliet il-konkluzjoni tal-ftehim (17 ta' Ottubru 2000) ma tistax isservi biex tiddetermina bhala xi prova konklussiva u inekwivoka illi l-kontrattazzjoni kienet qed issir mas-socjeta` bl-isem A & F Property Developments Ltd, u mhux ukoll mas-socjeta` bl-isem A & F Developments Ltd, firmatarja tal-ftehim. Jekk il-hlas sar mill-ewwel imsemmija socjeta` dan ma kienx wahdu sufficcjenti biex jaltera l-posizzjoni dikjarata mill-istess konvenut dwar l-isem tal-kumpanija kontraenti.

Dan anke ghaliex, kif saput, hu validu l-hlas li jsir minn terza persuna li ma jkollhiex interess fl-obbligazzjoni basta li din tagixxi f'isem u ghall-helsien tad-debitur (Art 1148(2) tal-Kodici Civili; **Kollez. Vol XLIX pII p681**).

Kif taraha din il-Qorti l-konvenut ma rnexxielux iwaqqa' bi prova kuntrarja u soda l-presunzjoni li l-ligi stess toffri bhala precett normattiv, u cjoe, illi l-"kuntratti ghandhom effett bejn l-partijiet li jikkontrattaw biss … …" (Art 1001 tal-Kodici Civili). Presunzjoni din legali li ghandha l-effikacja li timponi fuq il-gudikant decizjoni determinanti ghall-fattispecji tal-kaz partikolari.

Il-Qorti kellha, mbaghad, tkun gwidata wkoll mill-konsiderandi tal-principju kardinali tal-korrettezza u tal-buona fede, anke ghaliex dawn huma "regulae iuris" kodifikati wkoll fil-Kodici Civili riferibilment ghall-effetti tal-kuntratti. Dan mhux biss b'referenza ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet izda wkoll bhala rekwizit tal-kondotta tal-kontraenti fil-formazzjoni tal-vinkolu kontrattwali, jew pre-kontrattwali.

In rijassunt ghalhekk il-presunzjoni kellha tkun li s-socjeta` attrici appellanti kienet qed tinnegozja mas-socjeta` A & F Developments Limited u mhux ma' xi socjeta` ohra meta din ma kienetx tiffigura bhala parti kontraenti. Jekk, imbaghad, dan il-fatt prezunt irrizulta li ma kienx jikkorrispondi ghall-veru jew ma kienx jissussisti, bhal ma fil-fatt ma kienx gjaladarba ma kienet tezisti ebda socjeta` b'dan l-isem, il-konvenut, li kien deher bhala rapprezentanti taghha, kellu in virtu tal-Artikolu 78 ta' l-Att XXV ta' l-1995 jitqies bhala l-legittimu kontradittur "personalment responsabbli dwar terzi ghall-atti maghmula taht dak l-isem". Biex seta' jkun diversament kien jispetta lill-appellat li jipproduci provi konklussivi in sostenn tal-eccezzjoni tieghu. Almenu biex jistabilixxi illi dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar il-ftehim kien li l-kuntratt innifsu ma kienx jirrispekkja l-verita` ghaliex fil-verita` l-ftehim kien sar mas-socjeta` A & F Property Developments Ltd. Dan baqa' ma ghamlux jew ghallanqas ma ghamlux sodisfacentement u b'mod li ma jhalli l-ebda dubju.

Tajjeb li wiehed ifakkar illi skond gurisprudenza affermata l-konvenut kellu jipprova mhux biss illi l-kontrattazzjoni saret ghas-socjeta` vera gestita minnu imma wkoll illi fil-mument meta saret tali kontrattazzjoni s-socjeta` attrici kienet konsapevoli ta' dan. "Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni ma kienx qed jidher f'ismu (jew f'isem is-socjeta` kif minnu dikjarat) imma f'isem persuna ohra ben identifikata" – "**John Vella noe –vs- Anthony Vella**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.

Dan precizat, il-Qorti allura ma ssib l-ebda raguni f'dan il-kaz biex issostni l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell devolut lilha u b'hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. L-atti qed jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti biex din tikkonsidra u tiddeciedi l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut fil-kwadru tal-provi u l-atti processwali.

L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------